# IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

## Ġudikatur
**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

## Seduta tat-Tnejn, 28 ta' Settembru 2020

## Talba numru 73/2020SFJ

## *Simonds Farsons Cisk plc (C113)*

## *vs.*

## *Vincenzo Abela (362869M)*

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fid-9 ta' Marzu 2020 li permezz tiegħu s-soċjetà attriċi ippremettiet u talbet:

> *"Illi l-konvenut għandu jagħti lis-soċjetà attriċi s-somma komplessiva ta' elfejn u seba' mija u ħamsa u disgħin Ewro u disgħa u tletin ċenteżmu (€2,795.39), liema somma hija dovuta bħala bilanċ minn self li s-soċjetà rikorrenti kienet tat lill-konvenut li int obbligajt ruħek li tħallas lura f'pagamenti mensili, liema pagamenti ma baqgħux jiġu mħallsa u għalhekk baqa' l-imsemmi bilanċ mhux imħallas (vide Dok. A anness).*
>
> *Illi minkejja li l-konvenut ġie interpellat diversi drabi sabiex jgħaddi għall-ħlas tal-ammont surriferit, hu baqa' inadempjenti. Għalhekk kellha ssir din il-kawża fil-konfront tal-konvenut li minn issa huwa nġunt għas-subizzjoni.*

> *Bl-ispejjeż u d-drittijiet u bl-imgħaxijiet legali sa mid-data tal-preżentata tal-preżenti rikors, kif ukoll b'riżerva għal kwalsiasi ammont ulterjuri li talvolta jista' jkun dovut lis-soċjetà attriċi.*"

Ra li skont ir-riferta relattiva (fol. 9), il-konvenut ġie innotifikat bl-Avviż tat-Talba fl-20 ta' Marzu 2020.

Ra li għad li ġie innotifikat, il-konvenut ma ppreżenta ebda Risposta jew sottomissjoni oħra u ma deher għal ebda seduta.

Ra li fl-udjenza tal-15 ta' Ġunju 2020, is-soċjetà attriċi ippreżentat kopja ta' *Repayment Schedule*, ossia ftehim bejn il-partijiet, datat 27 ta' Mejju 2020, li fih, il-konvenut ammetta li kien debitur tas-soċjetà attriċi fl-ammont ta' elfejn u seba' mija u ħamsa u disgħin Ewro (€2,795) u aċċetta li jħallas dan l-ammont lis-soċjetà attriċi f'pagamenti mensili ta' ħamsa u sebgħin Ewro (€75.00) fuq medda ta' tlieta u erbgħin (43) xahar.

Ra li m'hemmx kontestazzjoni dwar dan id-dokument u dwar il-kontenut tiegħu u għalhekk, jitqies li l-konvenut ammetta li huwa debitur tas-soċjetà attriċi fl-ammont ta' elfejn u seba' mija u ħamsa u disgħin Ewro (€2,795).

Ra li meta wieħed jipparaguna l-Avviż tat-Talba mar-*repayment schedule* datat 27 ta' Mejju 2020, jidher ċar li l-ammont ulterjuri ta' disgħa u tletin ċenteżmu (€0.39) li kien oriġinarjament mitlub fl-Avviż tat-Talba, ma ġiex inkluż fl-istess *repayment schedule*. Huwa għalhekk ċar u ovvju li s-soċjetà attriċi m'hix qed tinsisti fuq dak l-ammont minuskolu u hija kuntenta li tirċievi l-ammont ta' elfejn u seba' mija u ħamsa u disgħin Ewro (€2,795).

Ra li kif jidher mill-verbal tas-6 ta' Lulju 2020, il-kawża tħalliet għas-sentenza għat-28 ta' Settembru 2020.

## <u>**Deċide**</u>

Għaldaqstant, it-Tribunal, wara li qara l-atti, sema' ix-xhieda u ra d-dokumentazzjoni ippreżentata, jaqta' u jiddeċiedi billi jilqa' t-talba tas-soċjetà attriċi limitatament għal elfejn u seba' mija u ħamsa u disgħin Ewro (€2,795) bl-imgħax mid-data tal-ftuħ ta' din il-kawża sad-data tal-pagament effettiv.

It-Tribunal jordna li l-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-konvenut.

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**
**B.A., L.P., Mag. Jur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**